**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 22 ta' Marzu 2021**

**Rikors Numru 268/2019**

**No Deposit Cars Malta Limited (C 85780)**

**Vs**

**John Leonard Bellotti**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici pprezentat fit-22 ta' Novembru 2019 li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut jghid il-ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat sabiex ihallasha l-ammont ta' tnax-il elf, sitt mija u disghin ewro (€12,690) oltre l-interessi sad-data effettiva tal-hlas, liema ammont jirraprezenta l-hlas tal-bilanc dovut fuq il-prezz tal-vettura Citroen DS3 Style E-HDI targata ACN 169, liema vettura giet akkwistata minnu permezz ta' kuntratt `hire and purchase` datat 5 ta' Dicembru 2018.

Rat li l-konvenut debitament notifikat deher ghas-seduta tal-20 ta' Jannar 2020 u informa lill-Qorti li xtaq jipprezenta risposta biex jikkontesta l-kawza ;

Rat illi ghalkemm debitament awtorizzat jipprezenta tali risposta, fil-fatt qatt ma giet ipprezentata risposta ;

Rat illi fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2020 il-Qorti awtorizzat lis-socjeta` attrici, fuq talba taghha stess, sabiex tipprezenta kapitolu ghas-

subizzjoni tal-konvenut, liema kapitolu gie pprezentat seduta stante u gie approvat mill-Qorti ;

Rat illi fil-kapitoli ghas-subizzjoni tal-konvenut, is-socjeta` attrici talbet li l-konvenut jikkonferma li hu debitur tal-istess socjeta` ;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-subizzjoni tal-konvenut ghas-seduta tas-27 ta' Marzu 2020, liema seduta pero` ma saritx minhabba r-restrizzjonijiet mahruga mill-Awtoritajiet tas-Sahha minhabba l-pandemija tal-Covid-19 ;

Rat illi fis-seduta tas-16 ta' Lulju 2020 il-konvenut ma deherx ghas-subizzjoni tieghu u ghalhekk il-kapitolu gie meqjus bhala ammess;

Rat l-affiavit ta' Thorne Mangion ;

Wara li semghet it-trattazzjoni tad-difensur tas-socjeta` attrici, fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2021 il-Qorti kkoncediet hmistax-il gurnata zmien lill-konvenut sabiex jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet ;

Rat illi ma giet ipprezentata l-ebda nota ta' sottomissjonijiet ;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza ;

**Ikkunsidrat :**

Illi mill-affidavit ta' Thorne Mangion, impjegat mas-socjeta` attrici, jirrizulta illi fil-5 ta' Dicembru 2018 il-konvenut kien dahal f'kuntratt *hire and purchase* ghax-xiri ta' vettura tal-marka Citroen DS-3 bin-numru ta' registrazzjoni ACN 169. Jispjega li l-konvenut kellu jaghmel sittin (60) pagament. Madankollu huwa ghamel biss erba' (4) pagamenti u ha l-vettura lura fix-showroom u dana ghaliex skont hu l-vettura kien xtraha ghall-mara tieghu, u peress li kienu ghaddejin minn proceduri ta' separazzjoni ma kienx se jibqa' jhallas il-pagamenti.

Illi l-konvenut ma ressaq l-ebda difiza ghat-talba tas-socjeta rikorrenti. Madankollu din il-Qorti tirrileva illi l-kontumacja tal-konvenut ghandha titqies bhala kontestazzjoni.

Illi l-Qorti fliet il-kuntratt ta' *hire and purchase* in kwistjoni u x'jigri f'kaz li x-xerrej jonqos milli jhallas puntwalment ir-rati miftehma. Skont klawsola 7 tal-istess kuntratt, f'tali cirkostanza, is-socjeta` attrici kellha dritt titlob il-bilanc kollu f'daqqa. F'kaz li x-xerrej jonqos li jhallas tali bilanc fi zmien tletin (30) gurnata minn meta hekk interpellat, il-kuntratt jigi xolt u s-socjeta` attrici ikollha dritt titlob il-pussess tal-vettura lura. Iktar minn hekk, is-socjeta` attrici ikollha d-dritt li titlob minghand ix-xerrej id-differenza fil-prezz bejn il-bilanc u l-prezz li biegh terga' tinbiegh il-vettura.

Illi l-Qorti tirrileva illi f'dan il-kaz ghandha kapitolu ammess bhala prova. Pero` tirrileva wkoll li dana ma jfissirx li min hu tenut jiggudika huwa obligat joqghod dejjem fuq dik il-prezunta konfessjoni. Is-subizzjoni hija mezz ta' prova, u ghandha tigi ezaminata u evalwata flimkien mal-provi l-ohra kollha tal-kawza, b'mod illi, jekk il-kapitoli ma jkunux kombacanti mal-provi l-ohra tal-kawza, u l-gudikant jidhrilu li ghandu jaghti prevalenza lil dawk il-provi l-ohra, l-konfessjoni prezunta derivanti mis-subizzjoni ghandha ccedi quddiem dawk il-provi l-ohra. F'dan is-sens ara d-decizjoni fl-ismijiet **Tabib Dr. Antonio Zammit et v. Francesco Pace et**.[1] In tema, kemm id-duttrina legali kif ukoll il-gurisprudenza, issoktaw jaffermaw, u jikkawtelaw ukoll, illi tali prova wahida mhux necessarjament u bilfors ghandha tiddemostra l-fondatezza tal-pretensjoni tal-parti attrici in kwantu dak l-istat migjub in essere bil-kapitolu ma ghandux ifisser li qed jintroduci derogi ghall-principju tal-piz tal-provi.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, il-procedura miftehma kuntrattwalment u li s-socjeta` attrici kellha ssegwi jekk ikun hemm nuqqas ta' pagament da parti tal-konvenut kienet is-segwenti :

1. Tinterpella lill-konvenut sabiex ihallas il-bilanc shih dovut ;
2. F'kaz li fi zmien tletin (30) gurnata il-konvenut ma jhallasx il-bilanc shih, jigi xolta il-kuntratt u s-socjeta` attrici jkollha dritt tiehu pussess tal-vettura b'riserva ghal kwalunkwe differenza bejn il-bilanc u l-prezz li terga' tinbiegh bih il-vettura.

Illi f'dan il-kaz jirrizulta li s-socjeta` attrici interpellat lill-konvenut sabiex ihallas il-bilanc, pero`, minflok effetwa tali hlas huwa rritorna l-vettura. Fil-waqt li huwa minnu li strettament ma kinitx is-socjeta`

[1] Prim'Awla, 28 ta' Gunju, 1952

attrici li talbet il-pussess tal-vettura lura minghand il-konvenut, pero` jibqa' l-fatt li llum il-gurnata il-vettura in kwistjoni tinsab fil-pussess taghha u baqghet izzommha ghandha minghajr ma pprocediet biex tiddepozitaha taht l-Awtorita` ta' din il-Qorti. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi ladarba s-socjeta` attrici ghazlet li zzomm il-vettura ghandha ma tistghax ukoll titlob il-bilanc kollu dovut minghand il-konvenut.

Illi dwar din il-materja diga kien hemm pronunzjamenti f'kawzi quddiem dawn il-Qrati,[2] fosthom kawza li l-istess socjeta` attrici pprezentat kontra certu Kevin Alexander Rothig, li f'dawk il-proceduri baqa' kontumaci, u liema kawza giet deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Ottubru 2019. F'dik is-sentenza il-Qorti qalet hekk:

*"Skond il-ftehim ta' bejn il-partijiet una volta l-konvenut huwa moruz fil-hlasijiet mensili, is-socjeta' attrici ghandha dritt titlob il-hlas tal-bilanc kollu kif ukoll li tiehu pussess tal-vettura sabiex tinbiegh u r-rikavat jitnaqqas mill-bilanc dovut.*

*Jirrizulta wkoll li l-vettura gia' tinsab fil-pussess tas-socjeta' attrici.*

*Jehtieg ghalhekk illi l-vettura tinbiegh taht l-awtorita' tal-Qorti."*

Illi din il-Qorti taqbel perfettament ma' dan ir-ragunament. Dan ovvjament minghajr pregudizzju ghal kwalunkwe pretensjoni li jista' jkollha s-socjeta` attrici wara l-eventwali bejgh mill-gdid tal-vettura *de* quo.

Illi ghalhekk wara li din il-Qorti qieset it-termini kuntrattwali bejn il-partijiet hija tal-fehma illi t-talba tas-socjeta` attrici ghandha tigi michuda ghaliex ladarba regghet hadet il-pussess tal-vettura *de quo* allura l-istess socjeta` trid l-ewwel tipprocedi bil-bejgh bl-irkant taghha taht l-Awtorita` ta' din il-Qorti, u wara tali irkant biss jista' jigi stabbilit liema ammont ikun ghadu dovut mill-konvenut.

[2] Ara **Frank Borda Ltd vs Raymond Bezzina et (PA 12 ta' Lulju 2018)**

**DECIDE**

Ghaldaqstant, minghajr ebda pregudizzju ghal kwalunkwe ammont dovut wara l-bejgh mill-gdid tal-vettura *de quo*, il-Qorti qieghda tichad it-talba tas-socjeta` attrici.

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

_______________________

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

___________

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**